Esklussiva

# Nixtiequ li l-poplu jgħożż il-memorja tal-ġenituri tagħna

JULIA FARRUGIA
jfarrugia@mediatoday.com.mt

**BEJN nhar it-Tlieta u s-Sibt li ġej il-bieb tad-dar tal-eks-Prim Ministru Malti Ġorġ Borg Olivier se jinfetaħ għall-pubbliku biex il-poplu jara b'għajnejh l-oġġetti imprezzabbli li se jkunu rkantti bħal-lum ġimgħa.**

F'din l-ewwel fażi tal-irkant b'kollox hemm mat-320 biċċa xogħol differenti, uħud rari u ta' importanza storika u artistika mill-kollezzjoni ta' Borġ Olivier u l-mara tiegħu Alexandra Borg Olivier nèe Mattei.

"Dan hu wieħed mill-aktar irkanti prestiġġjużi tas-seklu," sostna Pierre Grech Pillow minn Obelisk Auctions, l-irkantatur li se jmexxi din il-ħidma.

"Onorat li l-familja Borg Olivier għażlet lili biex immexxi dan l-irkant."

Fid-dar li tinsab f'55 fi Triq Ġorġ Borg Olivier f'Tas-Sliema, il-mijet tal-oġġetti huma nnumerati għal dawk li din il-ġimgħa lesti biex jiflu bir-reqqa dan ix-xogħol.

Kull kamra fiha storja, l-istess l-oġġetti li hemm għall-irkant, ħafna minnhom uniċi u li jsaħħruk. Fost dawn hemm skrivanija rari ħafna tas-Seklu 18.

"Kien iħobb jaħdem minn fuq din il-mejda," spjega b'emozzjoni Peter Borg, iben l-eks-Prim Ministru Malti.

Oriġinarjament din it-tip ta' skrivanija kienet tintuża fuq il-bastimenti u hi magħrufa bħala partners desk għaliex għandha żewġ irkejjen minn fejn wieħed jista' jaħdem fl-istess ħin.

Fl-istess kamra jispikkaw numru kbir ta' pitturi, ħafna minnhom li xtara Borg Olivier personalment minn irkanti barra minn Malta.

"Ara dik ta' hemm fuq kien xtraha minn Londra," jispjega t-tifel tiegħu.

"Kien iħobb ħafna l-antikitajiet. Meta kien Prim Ministru, biex ma jidhirx jitfa' l-offerti hu waqt l-irkanti f'Malta, kien jibgħat lill-ħabib kbir tiegħu – Ralph Arrigo, irkantatur, li hu missier id-Deputat Nazzjonalista Robert Arrigo," jispjega ibnu.

Xogħlijiet oħra jinkludu gradenza rari ħafna tas-Seklu 17, mapep rari ta' Malti u żewġ bozzetti ta' Giuseppe Calì.

Kull pass f'din id-dar hi storja.

Għajnejn iben l-eks Prim Ministru jleqqu waqt li jirrakkonta mumenti personali u intimi ma' missieru.

"Meta mietet ommi s-sena li għaddiet skoprejna li l-affarijiet ta' missieri ħalliethom intatti kif kienu 30 sena ilu. Fuq dak is-siġġu ta' faċċata sibna l-ewwel Polaroid Camera li kien hawn.

"Anke d-dokumenti u l-ittri li kien jikteb – kien kollox stivat pulit kif ħallihom hu."

Peter Borg Olivier ikompli: "Importanti li l-patrimonju tal-familja tagħna jitgawda mill-poplu Malti.

"L-akbar xewqa tiegħi hi li min jixtri dawn l-affarijiet jixtrihom biex jgħożżhom u mhux biex jerġa' jinnegozjahom. Nixtiequ li l-poplu jgħożż il-memorja tal-ġenituri tagħna."











Ġorġ Borg Olivier kien Prim Ministru ta' Malta bejn l-1950-1955 u bejn l-1962-1971

Ritratti: Ray Attard



SAINT JAMES
HOSPITAL
*Because our family cares*

SCAN TAL-PULMUN
ĦU AZZJONI ISSA QABEL MA JKUN TARD WISQ!

Jekk tpejjep minn ta' l-inqas 10 sigaretti kuljum, kun żgur li tagħmel scan tal-pulmun għall-prezz ridott ta' **€99** minflok €180.

IT-TIPJIP JOQTLOK. TPEJJIPX!
OFFERTA VALIDA TUL ĠUNJU, LULJU U AWISSU.

Għall-aktar informazzjoni ċempel 2329 1000

Termini u Kundizzjonijiet japplikaw.

ROCS TRADE FAIR SALE

THE ROCS TRADE FAIR SALE
Our best offers yet – Book at the Malta Trade Fair, save money & get great gifts!
Starting Thursday 24th June
Visit the ROCS Group at the Malta Trade Fair, MFCC, Ta' Qali between the 24th June and 4th July 2010.
Limited offers - early bookings recommended.



Get this DIGITAL VIDEO CAMERA for FREE!

This digital video camera is given for free with any purchase made with the ROCS Group which exceeds €1000. In the case of travel, this offer is limited to one (1) digital video camera with every room booked, which package shall exceed the €1000. This offer cannot be combined with any other offer available at the ROCS Group. In the case of travel packages and / or any other service and / or product available at the ROCS Group of any value exceeding the €1000, only one (1) digital video camera will be given out for free. SD memory card not included. Terms and conditions may apply.

www.rocsgrp.com
T: +356 2152 4123 | F: +356 2152 3869 | E: info@rocsgrp.com
ROCS Group, Development House, St. Anne's Str, FRN 9010, Malta, Europe.
19-23 ROCS House, Main Street, Mellieha, MLH 2310, Malta, Europe